# LIL MALTA

*Ta'* Ġużè' Chetcuti

Xejn m'hawn sabiħ madwari. Xtaqt għall-ħila
Li wrejt fil-ġlied imdemmem, u għall-qlubija,
Naghtik tifkira li għal dejjem tibqa',
Tifkira ħajja bl-aqwa ġmiel mogħnija.

Fittixt fit-toroq: ġrejt fl-ibliet u r-rħula,
Nixxennaq għas-sabiħ b'ħeġġa u bi ħrara,
Ma rajtx ħlief ħerba. Ħassejt għafsa f'qalbi
Xħin, mort fejn mort, ma sibtx ħlief dmugħ u ħsara.

Fittixt fil-qalb ta' l-iżmna: rajt imġarrfa
Il-monumenti, il-wirt ta' ġrajjiet kbar,
Smajt iċanfarni l-leħen ta' l-imgħoddi
B'qawwa qalila: mill-ħażin għall-agħar

Id-dinja miexja, ħsiebha fl-għajb imgħar'rar,
Xewqatha mkebbsa bin-nirien tal-ġlied,
Insiet xinhuma l-ġid u l-ġieħ fost l-aħwa,
U kemm meħtieġa r-rabta fost l-ulied.

Malta maħbuba, s-safa ta' ġo ruħek
B'dat-tajn iddennes, minn barra miġjub,
U, xħin fittixt, sibt ħerba sħiħa f'artek,
U ħerba u qerda akbar ġewwa l-qlub.

Xejn m'hawn sabiħ madwari. Imkien ma sibtha,
Malta, t-tifkira li fittixt għalik;
Għandi dil-qalb ta' Malta u ta' poeta,
Egħżeż w isbaħ ma nsibx x'nista' naghtik.

28. 2. 44.